

## Għodda għall-qrati u għal dawk li jipprattikaw

L-Unjoni Ewropea (UE) qed tistinka biex tiffaċilita l-iskambju transkonfinali bejn il-qrati u bejn il-professjonisti legali. L-istrumenti leġiżlattivi ġew stabbiliti bil-għan li jippermettu li l-proċeduri transkonfinali jimxu b'pass mgħaġġel, li jiġu kunsidrati d-deċiżjonijiet kriminali ta' Stati Membri oħra u li jiġu uttilizzati t-teknoloġiji tal-informazzjoni sabiex is-sistemi legali ta' Stati Membri oħra jsiru aktar aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali u għall-professjonisti legali.



Din il-parti tal-Portal tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-professjonisti legali l-istrumenti leġiżlattivi li jiffaċilitaw il-proċeduri transkonfinali fil-materji ċivili u kummerċjali kif ukoll fil-materji penali. Għaldaqstant, hemmhekk tista' ssib spjegazzjonijiet dwar:

- [L-użu tal-vidjokonferenza fil-proċeduri transkonfinali](#)
- [Il-koperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali](#)
- [Il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materja penali](#)

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 18/01/2019